

Brussell, 28 ta' April 2021
(OR. en)

8138/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0231(COD)

CODEC 575
COMPET 278
MI 276
IND 96
CONSOM 97
JUSTCIV 69
AGRI 187
AGRIFIN 47
VETER 28

AGRILEG 80
SAN 237
DENLEG 24
PHYTOSAN 11
SEMENCES 18
STATIS 18
ECOFIN 380
CADREFIN 191
PE 27

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kunitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: **ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi Programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 2017/826

- Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew
(Brussell, mis-26 sad-29 ta' April 2021)

I. VOTAZZJONI

Fis-27 ta' April 2021, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara l-pożizzjoni tal-Kunsill¹ fl-ewwel qari bħala approvata mingħajr emendi.

It-test tar-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota.

¹ ST 14281/20 REV1.

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att inkwistjoni jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

P9_TA(2021)0135

Il-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) 2021-2027 *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' April 2021 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (14281/1/2020 – C9-0133/2021 – 2018/0231(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (14281/1/2020 – C9-0133/2021),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018²,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-5 ta' Diċembru 2018³,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁴ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0441),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0142/2021),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

² ĠU C 62, 15.2.2019, p. 40.

³ ĠU C 86, 7.3.2019, p. 259.

⁴ Testi adottati tat-12.2.2019, P8_TA(2019)0073.

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.
